# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta tallum it-Tlieta, 27 ta' Gunju 2017**

**Kawza Numru : 50**
**Rikors Guramentat Numru : 465/2017/LSO**

**John Mary Sammut ID 344836M u martu Josephine ID 558943M u Maria Borg ID 399689M**

**vs**

**Wendy Dimech ID 266384M**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ John Mary Sammut ID 344836M u martu Josephine ID 558943M u Maria Borg ID 399689M datat 25 ta’ Mejju 2017 fejn bil-qima u jigi konfermat bil-gurament ta' John Mary Sammut espona: -

1. Anna konna ftehimna ma' Wendy Dimech u dan b’iskrittura privata li permezz taghha hallejnieha toqghod fil-post 198/6 Republic Street, Valletta, minnha okkupat minghajr ebda titolu u li hi kellha thalli battal sas-26 ta' Jannar 2017.

2. IIIi b'ittra ufficjali tal-20 ta' Frar 2017 interpellajna biex immedjatament tirrilaxxa l-istess appartament li qed tokkupa minghajr ebda titolu.

3. Minkejja l-interpellazzjoni u li kien ghadda z-zmien il-konvenuta baqghet fil-fond in kwestjoni u ghalhekk kellha ssir din il-kawza bil-procedura specjali sommarja, peress li l-istess konvenuta ma ghandha l-ebda eccezzjoni valida fil-ligi x'taghti.

**Talbiet:**

Jintalab bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni necessarja u moghti kull provvediment opportun.

(1) Tordna li l-kawza tinstema' bid-dispensa tas-smigh u bil-procedura specjali sommarja skont l-Artiklu 167 tal-Kap 12.

(2) Tordna l-izgumbrament tal-konvenuta fi zmien qasir u perentorju mill-fond minnha okkupat bla titolu u cioe' l-fond 198/6 Republic Street, Valletta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Frar 2017, kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni u minn issa interpellata ghall-hlas tad-danni tal-okkupazzjoni u l-konsum tas-servizzi.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-27 ta’ Gunju 2017 fid-9:30am, b’ordni lill-intimata biex tidher f’dik il-gurnata utwiegeb ghat-talba tar-rikorrenti, u fin-nuqqas, il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi minnufih ir-rikors billi tilqa’ t-talba tar-rikorrenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta 27 ta’ Gunju 2017 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Il-partijiet prezenti. Dr Luciano Busuttil ghall-intimata prezenti fl-Awla talab sabiex din il-Qorti, meta tippronunzja s-sentenza ghall-izgumbrament, tipprefiggi terminu tal-izgumbrament li jkun imqar tliet xhur u dan billi missier l-intimata li jghix maghha fil-fond 'de quo' ghadu kif ghamel operazzjoni ta' *bypass* tal-qalb u qieghed konvalaxxenti maghha. Dr Brincat ma opponiex li jinghata t-terminu ta' tliet xhur *purche'* jkun wiehed perentorju. L-intimata prezenti obbligat ruhha li thallas il-kontijiet tad-dawl u ilma pendenti sakemm tivvaka fi zmien tliet xhur.

**Inghatat sentenza.**

Il-Qorti rat ir-rikors.

Rat li l-intimata prezenti fl-Awla ammettiet it-talba u ghalhekk ma resqitx kontestazzjoni ghat-talbiet skont l-Art 167 *et seq* tal-Kap 11 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal *seduta stante* tad-difensuri tal-partijiet.

Ghaldaqstant tilqa' t-talbiet u tordna l-izgumbrament tal-intimata mill-fond 198/6, Republic Street, Valletta fi zmien perentorju ta' tliet xhur mil-lum.

L-ispejjez tal-kawza jigu sopportati mill-istess intimata.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**27 ta' Gunju 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Gunju 2017**